A.L. 414 ta' l-2003

ATT TA' L-2002 DWAR L-IMPJIEGI U R-RELAZZJONIJIET INDUSTRIJALI (ATT NRU. XXII TA' L-2002)

Avviż ta' bidu fis-seħħ tar-Regolamenti ta' l-2003 dwar l-Organizzazzjoni tal-Ħin tax-Xogħol

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 6 ta' l-Att ta' l-2002 dwar l-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali, u skond ma hemm fir-regolament 1(2) tar-Regolamenti, ta' l-2003 dwar l-Organizzazzjoni tal-Ħin tax-Xogħol, il-Viċi Prim Ministru u Ministru għall-Politika Soċjali stabbilixxa l-5 ta' April, 2004 bħala d-data meta l-imsemmija regolamenti, pubblikati b'Avviż Legali 247 ta' l-2003, għandhom jidħlu fis-seħħ.